TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 507/10

**Maria Frendo**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija, u tlieta u sittin ewro (€563), rappreżentanti tliet xhur użu ta' l-ilma li kien imur fil-bir minħabba li t-*technician* tal-kumpanija nesa jagħmel il-vit ta' l-ilma tajjeb.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *reverse osmosis* mingħand id-ditta intimata u meta kien qiegħed isir *maintenance* mit-*technician* tal-kumpanija intimata, wara li t-*technician* bidel il-*filters*, nesa jagħlaq il-vit ta' l-ilma bil-konsegwenza li l-ilma tal-main baqa' ħiereġ kontinwament għal ġol-bir għal tliet xhur u għalhekk qed titlob l-ammont tad-danni.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi biex ibiddel il-*filter* m'hemmx bżonn imiss il-vit, pero' anke jekk għall-grazzja tal-argument dan ħalla l-vit miftuħ, l-ilma mar fil-bir u ma nħeliex.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi vera kien hemm xi traskuraġni da parte tat-*technician* li seta' nħela xi ilma, pero' fl-ewwel lok l-ilma mar ġol-bir u ma nħeliex, pero' xorta sar il-konsum.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**